MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Talba Numru. 35/2007

**Talba Nru: 35/07 PBC**

**Mobisle Communications Limited – C 24655**

**-vs-**

**Rita Vassallo – I.D. 33479(M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u erbatax-il Euro u disa' centezmi (€314.09) – (Lm134.84c) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjetà attrici skond *Client Contract Number 252277* in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjetà attrici u dana fix-xhur bejn Frar 2005 u Lulju 2006. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-29 t' Ottubru, 2006, dawk tal-

mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dan l-att, dawk tal-ittra ufficjali lil banek relattivi ghall-imsemmi mandat, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' tlett mija u erbatax-il Euro u disa' centezmi (€314.09) – (Lm134.84c), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------